**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 12 ta' Lulju 2019**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Ian Abdilla)**

**Vs**

**ANTONIO VASSALLO**

Kump Nru. 533/2006

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Antonio Vassallo**, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 314959M**, gie** akkuzat talli:

1. F'April 2006 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-gzejjer, approprijajt ruhek, billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn Lm10,000.00 ghad-dannu ta' George Busuttil, Raymond Grech, G.R. Developers Ltd, u persuni/kumpaniji ohra, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilek taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilek minhabba l-professjoni, industijra, kummerc, kariga jew servizz tieghek. (dan bi ksur tal-Artikoli 18,293 u 294 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta)

2. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi urejt haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza

dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh ta' aktar minn Lm10,000.00 ghad-dannu ta' George Busuttil, Raymond Grech, G.R. Developers Ltd., u persuni/kumpaniji ohra.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbilit mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti (l-atti processwali) li ghaddew ghand din il-Qorti wara assenjazzjoni ufficjali li sehhet f'Awwissu tas-sena 2013, u dana peress li l-Magistrat li kien jippresjedi fil-Qorti tal-Magistrati gie elevat ghal Imhallef.

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tal-15 ta' Jannar 2007 (ara *folio* 90) u l-kunsens tal-imputat sabiex din il-kawza tigi deciza bil-procedura sommarja (ara *folio* 210);

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri;

Rat il-verbali taghha precedenti u partikolarment il-verbal tas-26 ta' Gunju 2019 fejn din il-kawza, *inter alia*, thalliet ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Illi fil-qosor il-provi principali f'dan il-kaz huma s-segwenti:

1. **Raymond Grech** xehed (ara folio 8) illi hu u siehbu George Busuttil kienu ddecidew li jidhlu fin-negozju tal-propjeta u kellmu lil Antonio Vassallo, bhala propjetarju ta' bicca propjeta fil-Hamrun, hdejn il-Mile End, li kellha permess ta' kostruzzjoni.

Il-partijiet iltaqghu fuq il-post u tkellmu. Ma' Antonio Vassallo (l-imputat) kien hemm certu wiehed George Portelli. Il-*complainants* (Grech u Busuttil) marrilhom l-interess f'din il-bicca propjeta minhabba xi kumplikazzjonijiet li seta' kellha.

Dak iz-zmien il-*complainants* kienu qed joperaw taht socjeta bl-isem GR Developments. Meta urewhom li ma kinux interessati fil-propjeta tal-Hamrun, l-imputat offrilhom propjeta ohra f'Tas-Sliema u qalilhom li kien diga fuq konvenju fuqha.

Eventwalment marru jaraw din il-propjeta ta' tas-Sliema, li dehret interessanti bhala dar b'zewgt ihwienet. Di fatti waslu fuq il-prezz u sar konvenju ghand in-nutar Marco Farrugia u bhala depozitu l-*complainants* hallsu LM25,000 li nqasmu ugwalment bejn l-imputat u George Portelli.

Illi fost il-kundizzjonijiet fil-konvenju gie mnizzel li c-cens kellu jinfeda minn Vassallo u Portelli u li jinhareg il-permess fuq l-erba sulari. Fil-fatt il-*complainants* issottomettew applikazzjoni biex jibda l-process.

Gara illi nibtet hbiberija bejn George Busuttil u Antonio Vassallo. Busuttil kellu dghajsa li ried ibieghha u l-imputat effettivament xtara din id-dghajsa. Ix-xhud Raymond Grech ma kellu x'jaqsam xejn mal-kwistjoni tad-dghajsa imma sar jaf li din id-dghajsa setghet tigi mhallsa b'xoghol u materjal peress illi l-imputat kien kuntrattur.

Anki x-xhud Grech qisu dahal fi hbiberija mal-imputat tant illi gieli l-imputat stedinhom imorru jistadu bid-dghajsa.

Issa, fl-istadju li kienu qed jistennew il-permess fuq il-propjeta ta' tas-Sliema, l-imputat hajjar lill-*complainants* sabiex flimkien, huma t-tlieta, jiffurmaw kumpanija u fil-fatt holqu GAR Developments u l-imputat hareg bl-idea li tinxtara bicca art fejn Benghajsa – effettivament l-imputat urihilhom, ghobithom, dehret tajba ghall-izvilupp u fil-fatt inxtrat permezz ta' konvenju li sar quddiem il-PL Victor Bugeja.

Illi jidher li l-imputat qabbad lil certu Vince Bartolo, habib tieghu, biex jiehu b'konvenju din l-art partikolari u mbaghad dan ibieghha lil GAR Development, kif fil-fatt gara u l-prezz kien ta' LM166,000. Il-*complainants* hallsu s-somma ta' LM35,000.

Gara illi l-*complainants* skoprew li din il-bicca art kienet espropriata mill-Gvern. Allura dan in-negozju kellu jieqaf u minn hemm u minn hawn il-*complainants* hadu flushom lura permezz ta' voucher slips minghand certu Joe Zahra, dejjem bl-intervent tal-imputat Antonio Vassallo.

Minkejja dan kollu, u peress illi l-kwistjoni ta' din l-art partikolari kienet inghalqet b'sodisfazzjoni ghal kulhadd, inqalet bicca xoghol ohra u cioe bicca art ohra f'Birzebbuga, hdejn u tmiss ma' dik maghrufa bhala tal-gas. Dwar din il-bicca art kien qalilhom biha l-imputat. Mill-mod kif kien jitkellem l-imputat u minn telefonati li kienu jircievu biex il-*complainants* jigu konvinti dwar din l-art, inghataw l-impressjoni li tal-gas kienu ser jitilqu minn hemmhekk u allura kienu ghalhekk ser jixtru l-art imsemmija flimkien (GAR Developments).

L-imputat kien hadhom jaraw din l-art; kien sar ukoll survey taghha, u dahhal wkoll perit fiha l-kwistjoni sabiex jikkonvincihom. Issemmiet is-somma ta' LM800,000. L-imputat kien jghidilhom li din l-art kienet ta' xi hadd kbir li jinnegozja fil-propjeta.

Wasal mument li lill-imputat il-*complainants* tawh LM75,000 biex isir id-depozitu fuq din l-art u dawn thallusu permezz ta' bank draft BOV ta' LM50,000 u bank draft ta' HSBC ta' LM25,000. Dawn hargu f'isem u favur Antonio Vassallo.

Peress li l-imputat jidher li kellu xi problemi mal-BOV il-bank draft ta' LM50,000 tahulhom lura u fuq talba tieghu stess, harguhomlu bhala zewg pagamenti, wiehed ta' LM25,000 fuq ibnu Jonathan u iehor ta' LM25,000 fuq bintu Angelique.

Gara illi minnufih l-imputat qabad ic-cekk/bank draft ta' LM25,000 u tah lil George Busuttil bhala pagamet parzjali li kellu jtih fuq id-dghajsa.

Minn hawn il-quddiem ix-xenarju kompla jizvolgi b'mod partikolari.

In effetti d-'*deal*' propju dwar din l-art qatt ma effettivament sehh. Lanqas konvenju ma gie konkluz.

Meta kienu jistaqsuh u jippressawh, l-imputat kien jghid, per ezempju "ghax ghadhom ma sarux ir-ricerki", "ghax hemm wiehed qieghed Mount Carmel"; u minn xi daqqiet isemmi lin-nutar Marco Farrugia u daqqa jsemmi lil Frank Salt.

Imbaghad meta l-*complainants* indunaw li din kollha kienet loghba (ara wkoll xhieda a fol.25) kellhom jitkellmu ma' avukat. Allura il-*complainants* ghandhom jiehdu minghand Antonio Vassallo is-somma ta' Lm75,000 relattivament ghal din il-bicca art partikolari.

2. Id-dokumenti in sostenn tal-verzjoni moghtija mix-xhieda/*complainants* f'din il-kawza li jinsabu a folio 29 sa folio 35;

3. Ix-xhud/complainant George Busuttil jixhed (ara folio 37) estensivament u jikkorrobora sew ix-xhieda moghtija mill-complainant l-iehor Raymond Grech. Rega xehed a folio 221 et seq;

4. Ix-xhud in-nutar Dr. Marco Farrugia xehed (ara folio. 70)

5. Ix-xhud Vince Bartolo xehed (ara folio 77) u jikkorrobora l-verzjoni tal-*complainants* Grech u Busuttil; Rega xehed a folio 105

6. Xehdu wkoll Dr. Carmel Chircop (ara folio 83), Joseph Borg Cardona (ara folio 93) manager legal office BOV, Audrey Ghigo (ara folio 100) Court representative HSBC, il-prokuratur legali Victor Bugeja (ara folio 113), u l-ispettur Ian Abdilla (ara folio 123);

7. Id-dokumenti ossia l-Memo and Articles ta' GAR Developments Limited (ara folio 130) u G.R. Development Ltd. (ara folio 142)

8. Xehed wkoll Mario Vassallo (ara folio 166) li jigi hu l-imputat.

**Ikkunsidrat;**

Illi din il-Qorti zgur mhux ser tahli aktar hin fuq din il-kawza. Meqjusa dettaljatament ir-rizultanzi processwali, hi l-fehma soda ta' din il-Qorti li, bil-mod kif l-imputat agixxa,

ikkomporta ruhu, u bil-mod kif intervjena ruhu mal-*complainants* Raymond Grech u George Busuttil, hu certament inganna serjament lill-*complainants* u kien permezz ta' l-ingann tieghu, ingann konvincenti, ingann mahsub, li l-*complainants* hallew jitilqu minn idejhom Lm75,000, liema somma inghatat lill-imputat Antonio Vassallo.

Il-prosekuzzjoni ghalhekk irnexxiela tipprova il-kaz taghha ghal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni, dik ta' truffa.

Peress illi l-imputazzjoni ta' approppriazzjoni indebita skond l-ewwel imputazzjoni nghatat bhala wahda alternattiva, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' tali imputazzjoni;

**Ikkunsidrat;**

Illi in tema ta' piena il-Qorti qed tqis fost fatturi ohra il-fedina penali tal-imputat esebita a folio 157 li hija indikazzjoni cara tal-karattru tal-imputat.

**Decide;**

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 293, 294, 308, 309, 310, 532A u 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel (1) imputazzjoni ghar-ragunijiet ga msemmija, qeghda ssib lill-imputat **Antonio Vassallo** hati tat-tieni (2) imputazzjoni, dik tat-truffa, kif miguba kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena ta' erba (4) snin prigunerija**.**

In oltre skond Artikolu 532A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-hati Antonio Vassallo jhallas is-somma ta' LM75,000 lil George Busuttil u Raymond Grech.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur